

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

A6-0464/2008

25.11.2008

RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju
(verżjoni kkodifikata)
(COM(2008)0358 – C6-0271/2008 – 2008/0116(CNS))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Diana Wallis

(Kodifikazzjoni – Artikolu 80 tar-Regoli ta' Proċedura)

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- *** Proċedura ta' kunsens
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE
- ***I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- ***II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- ***III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa **qawwija u korsiva**. Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhum minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovrji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
ANNEX: OPINJONI TAL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI.....	6
PROĊEDURA	9

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju (verżjoni kkodifikata)

(COM(2008)0358 – C6-0271/2008 – 2008/0116(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni – kodifikazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0358),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0271/2008),
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 fuq metodu ta' ħidma aċċellerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi legiżlattivi¹,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 80 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0464/2008),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali,

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

ANNES: OPINJONI TAL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI



GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV
TAS-SERVIZZI LEGALI

Brussell, 16 t'Ottubru 2008

OPINJONI

**GĦALL-ATTENZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW
TAL-KUNSILL
TAL-KUMMISSJONI**

**Proposta għal regolament tal-Kunsill dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju (verżjoni
kkodifikata)
COM(2008)358 of 16.6.2008 – 2008/0116(CNS)**

Wara li kkunsidra l-Ftehma Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 fuq metodu ta' ħidma aċċellerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġislattivi, u b'mod partikulari l-punt 4 tagħha, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv, magħmul mis-Servizzi Legali rispettivi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, fis-7 u l-15 ta' Lulju u fit-23 ta' Settembru 2008 kellu laqgħat iddedikati għall-eżami, fost affarijiet oħra, tal-proposta msemmija hawn fuq, ippreżentata mill-Kummissjoni.

Waqt dawk il-laqgħat¹, eżami tal-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tikkodifika d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 90/424 (KEE) tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju, wassal għall-qbil komuni fil-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv, dwar dan li ġej.

1) Fil-Premessa 7, li tikkorrispondi għal Premessa 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/782/KE, il-kelma "*dispożizzjonijiet*", li tidher bħala l-kelma finali tat-test tal-premessa eżistenti u li tħassret fit-test ikkodifikat, għandha terġa' tiddaħħal wara l-kliem "*kontroll Komunitarju*".

¹ Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv kellu għad-dispożizzjoni tiegħu 22 verżjoni lingwistika tal-proposta u ħadem fuq il-bażi tal-verżjoni Ingliża, il-verżjoni oriġinali tat-test eżaminat.

2) Fil-Premessa 9, il-kliem "*implika l-armonizzazzjoni tas-sistema ta' kontroll*" għandhom ikunu mibdula mill-kliem "*li tissoponi sistema ta' kontroll armonizzata*". Bħala konsegwenza ta' din il-bidla, it-test tal-Premessa 9 jiġi jgħid hekk: "*Il-funzjonament tas-suq intern jeħtieġ strateġija ta' kontroll u implika l-armonizzazzjoni tas-sistema ta' kontroll għall-prodotti li għejjin minn pajjiżi terzi. Jidher li hu xieraq li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dik l-istrateġija billi tiġi pprovduta kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-bidu u l-iżvilupp ta' din l-istrateġija*".

3) Fil-Premessa 12, il-kliem "*id-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/145/KEE tal-20 ta' Frar 1989 li tintroduċi miżura finanzjarja tal-Komunità għall-qerda ta' pleuropneumonia kontaġjuża tal-bhejjem tal-ifrat (CBPP) fil-Portugall*" u "*id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/649/KEE tas-16 ta' Diċembru 1986 li tintroduċi miżura finanzjarja tal-Komunità għall-qerda tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fil-Portugall*" għandhom jitneħħew.

4) Għandha tiddaħħal verżjoni adattata tal-Premessa 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/12/KE bejn il-Premessi 13 u 14. Din il-premessa l-għdida, bin-numru 14, għandha tgħid hekk: "*Huwa xieraq, fid-dawl tan-natura tagħha, li l-Kummissjoni jkollha l-ġestjoni diretta tan-nefqa suġġetta għal finanzjament skont it-termini ta' din id-Deċiżjoni*". Konsegwentement, il-premessa li kellha n-numru 14 fil-proposta ta' kodifikazzjoni għandha tingħata n-numru 15.

5) L-Artikolu 25(2) għandu jitneħħa mit-test ikkodifikat. Konsegwentement, l-indikazzjoni "*I.*" ukoll għandha titneħħa mit-test ta' dak l-artikolu.

6) L-Artikolu 26(2) għandu jitneħħa mit-test ikkodifikat. Konsegwentement, il-paragrafu 3 għandha jsir il-paragrafu numru 2.

7) Fl-Artikolu 27(1), l-ewwel subparagrafu, il-kelma "*mard*" għandha tinbidel mill-kliem "*mard tal-annimali u taż-żoonosi*".

8) L-Artikolu 28(3) għandu jitneħħa mit-test ikkodifikat.

9) Fl-Artikolu 37(1), l-aġġettiv "*għdid*" għandu jitneħħa, u l-kelma "*tlestija*" għandha tinbidel mill-kelma "*tħaddim*".

10) L-Artikolu 41 għandu jitneħħa mit-test tal-proposta ta' kodifikazzjoni. Konsegwentement, l-artikoli bin-numri 42, 43 u 44 fil-proposta ta' kodifikazzjoni għandhom jingħataw rispettivament in-numri 41, 42 u 43, u t-test tat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III għandu jkun adattat sors din il-bidla.

11) Kien rikonoxxut li, wara d-data tat-tressiq tal-proposta ta' kodifikazzjoni, l-att suġġett għall-eżerċizzju ta' kodifikazzjoni kien emendat b'mod ulterjuri minn att għdid, jiġifieri d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/685/KE tal-20 t'Awwissu 2008 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE rigward il-viremija tar-Rebbiegħa tal-karpjun (SVC). Sabiex dan id-dokument jitqies, it-test tal-Anness I fil-proposta ta' kodifikazzjoni għandu jinbidel mit-test tal-anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/685/KE.

12) Fl-Anness II, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/685/KE għandha tiżdied mal-lista tal-

atti li jemendaw id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE.

Dan l-eżami tal-proposta, b'hekk, ippermetta li l-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv jikkonkludi, bi qbil komuni, li l-proposta effettivament tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali.

C. PENNERA
Ġurikonsult

J.-C. PIRIS
Ġurikonsult

C.-F.DURAND
aġent Direttur Ġenerali

PROĊEDURA

Titolu	In-nefqa fil-qasam veterinarju (verżjoni kkodifikata)
Referenzi	COM(2008)0358 – C6-0271/2008 – 2008/0116(CNS)
Data meta ġie kkonsultat il-PE	9.7.2008
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 10.7.2008
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Diana Wallis 25.6.2008
Data tal-adozzjoni	17.11.2008
Data tat-tressiq	25.11.2008